ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 68/11**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, 2 ta' Mejju 2011**

**Ħin: Fl-10.00 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Chev. Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson - Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Kunsillier is-Sur Harry Debono kien skużat (ittra tal-Kunsillier Debono mehmuża mal-minuti bħala Dok. B).

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Fl-introduzzjoni tiegħu, is-Sindku qal li l-Aġenzija APS ser tkun qed tissottometti applikazzjoni f' isem il-Kunsill għal finanzjament tal-*upgrade* tal-*promenade* tal-Qbajjar u l-i*street furniture* kollu taż-Żebbuġ inkluż tal-*playing field*. Qal li l-applikazzjonijiet jagħlqu fis-7 ta' Mejju 2011 u li hemm budget ta' €42 miljun fondi tal-Ewropa. Qal l-applikazzjoni ser tkun qed taħseb għar-*railings* tal-*promenade* tal-Qbajjar – medda ta' 470 metru. Is-Sindku għarraf lill-Kamra li l-proġett ser jiswa €220,000 (€55,000 – tapiti, €8,000 – *civil works*, €27,000 – tlett *gazibos*, €130,000 – għamara tat-toroq Żebbuġ u Marsalforn inkluż ir-*railings* tal-*promenade*). Is-Sindku qal l-Aġenzija qed titlob ħlas ta' €300 biex tagħmel l-applikazzjoni u 3% tas-somma li jingħata l-Kunsill.

Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jkun installat *kids playing equipment* fil-*playing field* taż-Żebbuġ u semma l-possibilita' ta' *out door gym*.

Il-Kunsill approva li l-applikazzjoni għal finanzjament ta' dan il-proġett issir mill-Aġenzija tal-APS.

Fuq talba tal-Kunsillier Refalo, il-Kunsill approva t-twittija ta' Triq Għajn Qu̇ċċat (jagħmel ix-xogħol Richard Axiaq).

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 67/11 u tal-Laqgħa Urġenti tal-25 ta' April 2011 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Ma tqajjmux punti mill-minuti tal-Laqgħa Urġenti tal-25 ta' April 2011.

Punti mqajjma mill-minuti nru. 67/11. Is-Sindku għamel referenza għad-deċiżjoni li ssir talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-estensjoni tal-impjieg tas-Sur Carmel Grima u għal ittri li dehru fil-ġurnali L-Orizzont u L-Kulħadd dwar il-materja. Is-Sindku talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex twieġeb għal dawn iż-żewġ ittri. Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li hi kienet diġa tat xi kummenti lil xi ġurnalisti. Is-Sindku qal twieġeb għal dawn iż-żewġ ittri s-Segretarja Eżekuttiva u jekk ikun hemm bżonn jittieħed parir legali.

Dwar l-astensjoni tiegħu fir-rigward tal-offerta tal-Perit, il-Kunsillier Camilleri qal kien irrimarka li għandha tintgħażel l-aktar offerta vantaġġjuża.

Il-Kunsill ikkonferma l-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn li nżammet nhar is-27 ta' April 2011.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

Ittra tal-Pulizija dwar il-*parking* li jsir fi Triq iż-Żebbuġ. Il-Kunsill iddeċieda li jgħaddi l-ittra lid-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp.

Ittra tal-Kunsillier Camilleri fejn issuġġerixxa li parti minn Triq Għajn Mhelhel tissemma għal Papa Ġwanni Pawlu II. Il-Kunsill qabel li jirreferi s-suġġeriment ta' Camilleri lill-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Iċ-Ċedola tal-pagamenti – DOK A kienet approvata.

**Dawn il-pagamenti ġew approvata:**

| | |
|---|---|
| Tiswija ta' diversi lampi (Richard Cauchi) | €1,778.44 |
| *Organize*r – attivitajiet Ilwien ir-Rebbiegħa (Noel Said) | €90.00 |
| Servizzi ta' librara – April 2011 (Joanne Grima) | €46.88 |
| Servizz ta' tindif – attivita' Ilwien ir-Rebbiegħa (E. John Grech) | €40.00 |
| Servizz ta' tindif – attivita' Ilwien ir-Rebbiegħa (Gakbu Zahra) | €40.00 |
| Ħart tas-siġar taż-żebbuġ fi Triq iż-Żebbuġ (Alfred Attard) | €45.00 |
| Ritratti (Captured Memories) | €90.90 |
| Trofej u tifkiriet – Jum iż-Żebbuġ (Playcraft) | €531.47 |
| Parteċipazzjoni f' Ilwien ir-Rebbiegħa (Georgina) | €177.00 |

**BUDGET 2011**

Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra abbozz tal-Budget għas-sena 2011. Sar il-qari tal-Budget. Wara xi mistoqsijiet u rimarki ta' kjarifika, il-Kunsill approva d-dokument tal-Budget.

## 6. RENDIKONT TA' DAK LI GĦANDNA APPROVAT MILL-LAQGĦAT SA ISSA U GĦADU PENDENTI

**Il-layout tal-Kunsill u tal-berġa** – tinħareġ l-ordni lil Ġanni Cini. Dwar il-berġa, is-Sindku talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex tara f' hiex waslet l-applikazzjoni mal-MEPA biex minflok it-tieqa jinfetaħ bieb fil-faċċata.

**Offerta – Artificial Pitch Ground fl-iskola** – isir *follow up* tat-talba għal laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex u tiġi mwieġba ittra mibgħuta mid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi.

**Konkos – Triq Ħabel it-Twil** – saret referenza għall-minuti tas-Seduta b' nru. 67/11.

**Bankina – każin Banda Sta Marija** – il-Kunsill approva li jagħmel il-bankina ta' mal-bini tal-każin; isir dawl fil-bankina.

**Triq is-Sagħtrija** – il-Kunsill approva li ssir bankina tal-konkos fil-ġenb tat-triq, in-naħa tal-lemin tat-triq fid-direzzjoni tal-Għasri (minn fuq s' isfel).

## 7. ILMENTI

Ilment 05/2011 – Il-Kunsill approva li jforni żewġ jardi konkos għat-traqqiegħ ta' Triq Wied l-Infern.

Ilment 09/2011 – Il-Kunsill approva t-traqqiegħ quddiem l-għerien fil-Bajja tax-Xwejni u manutenzjoni tal-iskoll; jagħmel ix-xogħol Joseph Cefai.

Ilment 10/2011 – Il-Kunsill approva xogħol ta' traqqiegħ għal Triq il-Qolla s-Safra.

## 8. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill qabel li jagħmel sejħiet pubbliċi għal:

- provvista ta' żebgħa għall-bajjiet ta' Marsalforn (*quotation*)
- kisi bit-tarmak ta' toroq – kuntratt ta' tlett snin.

Fuq talba tal-Kunsillier Refalo, il-Kunsill iddeċieda li għandha tintalab spjegazzjoni lill-Kap tal-Iskola għall-fatt li minkejja l-attivita' saret bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill, il-Kunsilliera għajr is-Sindku ma kienux mistiedna għall-attivita'.

## 9. AĠĠORNAMENT

Il-Kunsill Lokali aġġorna f' nofsinhar għal nhar it-Tnejn, 23 ta' Mejju 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Kav. Carmelo Saliba | Diane Tagliaferro |
| Sindku | Segretarja Eżekuttiva |

**Dok. A**

**Seduta Nru. 68/11**

## **Ċedola tal-Pagamenti**

| | |
|---|---|
| Parteċipazzjoni f' Ilwien ir-Rebbiegħa 2011 (The Greenfields) | €150.00 |
| Spejjeż ta' vjaġġar – laqgħa fl-uffiċini tal-MEUSAC, Valletta (Carmelo Grima) | €20.00 |
| *Fuel* (Vitor Cini) | €25.00 |
| Żebgħa għal Marsalforn (Dominic Department Stores Ltd) | €542.02 |
| Għannejja u daqqaqa – Ilwien ir-Rebbiegħa 2011 (Francis Portelli) | €460.00 |
| Provvista ta' ġebel – ilqugħ fl-inħawi tat-Torri tal-Qbajjar (Randu Zammit) | €610.30 |
| Xogħol ta' twittija fil-limiti tal-Ħofra tat-Torok (Richard Axiaq) | €147.00 |
| Servizzi ta' librara – Frar & Marzu 2011 (Joanne Grima) | €93.76 |
| Spejjez tal-ufficcju (Smart Office Supplies Ltd) | €106.84 |
| Servizzi ta' pulizija – Ilwien ir-Rebbiegħa 2011 (Kummissarju tal-Pulizija) | €110.46 |
| Fotografu – Ilwien ir-Rebbiegħa 2011 (Joseph Mercieca) | €550.00 |
| Servizz ta' fotografu (Joseph Mercieca) | €170.00 |
| Preżentatur – Ilwien ir-Rebbiegħa 2011 (Augusto Cardinali) | €500.00 |
| Siment – traqqiegħ bil-konkos fil-Menqa (Joseph Caruana Co Ltd) | €58.50 |
| Konsum u kera tal-linja tal-fax (GO) | €31.99 |
| *Fuel* (Joe Theuma) | €25.00 |
| Xafra għall-*grasscutter* (Ronnie Mizzi) | €35.40 |
| Konsum u kera tal-linja tat-telefon (GO) | €158.50 |
| Xogħol fuq il-*banners* ta' Ilwien ir-Rebbiegħa u l-*litterbins* ġodda li twaħħlu f' Marsalforn (Refalo Signs) | €896.80 |
| Żebgħa għal Marsalforn (Reno Ironmongery) | €375.06 |
| Pajpijiet u *fittings* (Joseph Caruana Co Ltd) | €1,031.25 |
| Siment (Joseph Caruana Co Ltd) | €44.75 |
| Pajpijiet u *fittings* | |

| | |
|---|---|
| (Joseph Caruana Co Ltd) | €969.25 |
| Parteċipazzjoni f' Ilwien ir-Rebbiegħa 2011 | |
| (Ludwig Galea) | €100.00 |
| Tifkiriet – tberik tal-*pets* (Playcraft) | €1,026.60 |
| Kobba ħarira (Ronnie Mizzi) | €19.47 |
| Trasport – ħarġa f' Malta 29-03-2011 | |
| (Koptaco Coaches) | €192.34 |
| 30 *litterbin*s għal Marsalforn (JGC Ltd) | €12,300 |
| *Insurance cover* – logħob tan-nar Ilwien ir-Rebbiegħa 2011 | |
| (KDM Insurance Brokers) | €395.00 |
| *Platforms* tal-konkos għall-*litterbins* ġodda li twaħħlu f' Marsalforn | |
| (Refalo Signs) | €1,392 |
| *Contracts Manager Fee* – Frar & Marzu 2011 | |
| (Fortunato Mifsud) | €262.32 |

26 ta' April 2011